

Brussell, 25 ta' April 2024  
(OR. en)

8947/1/24  
REV 1

SOC 279  
GENDER 64  
ANTIDISCRIM 58  
EMPL 164

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	In-nisa fil-ħajja pubblika - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mħejjija mill-Presidenza, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq fil-Kunsill EPSCO tas-7 ta' Mejju 2024.

## **In-nisa fil-ħajja pubblika**

### *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

#### **It-titjib tar-rappreżentanza tan-nisa fit-tehid tad-deċiżjonijiet**

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija dritt tal-bniedem u prinċipju fundamentali tal-UE minqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-għan huwa Unjoni ta' Ugwaljanza fejn in-nisa u l-irġiel, il-bniet u s-subien, fid-diversità kollha tagħhom, huma liberi li jsegwu l-mogħdija magħżula tagħhom fil-ħajja, ikollhom opportunitajiet indaqs biex jirnexxu, u jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà Ewropea tagħna u jmexxuha b'mod ugwali.

Bħala riżultat ta' impenn politiku msaħħaħ f'dan il-qasam, il-Kummissjoni Ewropea qed tmexxi bl-eżempju bl-ewwel Kulleġġ tal-Kummissarji li qatt sar b'ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ewwel Kummissarju responsabbli għall-Ugwaljanza. Inkiseb progress notevoli mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE matul il-mandat attwali permezz ta' inizzjattivi leġiżlattivi mmirati lejn it-trawwim tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-dimensjonijiet kollha. Huwa importanti ħafna li fl-istrutturi tagħhom il-proċessi demokratiċi u l-partiti politiċi jsegwu dawn l-avvanzi, ikunu inklużivi u jirriflettu d-diversità tas-soċjetà Ewropea.

Madankollu, minkejja l-isforzi dejjiema u l-progress inkontestabbli li saru, in-nisa għadhom sottorappreżentati fil-biċċa l-kbira tal-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u f'oqsma oħra tal-ħajja pubblika, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ministerjali u f'pożizzjonijiet eżekuttivi oħra. Meta wieħed iħares lejn id-data tal-Unjoni Ewropea, ipprovduta mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), bħala medja, in-nisa jirrappreżentaw 39.5 % tal-membri fil-Parlament Ewropew u 32.8 % tal-membri tal-parlamenti nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE huma nisa, b'disparitajiet ġeografiċi kbar. Bħala medja, in-nisa jirrappreżentaw biss 32.9 % tal-ministri għolja u jokkupaw biss 35.7 % tal-membri tal-assebleji reġjonali. Parità sħiħa jew bilanċ bejn il-ġeneri fir-rappreżentanza politika teżisti biss fi ftit Stati Membri tal-UE.

Barra minn hekk, id-data hija ħafna inqas inkoraġġanti meta wieħed iħares speċifikament lejn il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-parlamenti u l-kunsilli lokali u reġjonali fir-rigward ta' presidenti, presidenti ta' korpi parlamentari jew pożizzjonijiet ewlenin mhux eletti. Għad hemm segregazzjoni tal-ġeneri fil-portafolli tal-ministri u s-sħubija fil-korpi ta' ħidma parlamentari, b'dawk tradizzjonalment iddominati mill-irġiel (difiża, finanzi) u dawk bi proporzjon oġġla ta' nisa (politika soċjali, edukazzjoni) marbuta b'mod qawwi mal-impatt leġiżlattiv u baġitarju, għall-vantaġġ ta' politiki ddominati mill-irġiel.

Minn perspettiva intersezzjonali, iċ-ċifri dwar il-parteċipazzjoni ta' nisa minn minoranzi etniċi, persuni LGBTQIA + jew nisa b'diżabbiltà mhumiex kompluti, madankollu jindikaw proporzjonijiet baxxi ħafna, u b'hekk jindikaw rappreżentanza limitata ta' gruppi ta' minoranza u l-perspettivi tagħhom.

### **Ostakli għar-rappreżentanza ugwali tan-nisa f'pożizzjonijiet politiċi u eżekuttivi**

In-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi jiffaċċaw ostakli li huma inkorporati f'kuntesti kulturali, ekonomiċi u politiċi u sistemi elettorali differenti.

L-ewwel nett, hemm **ostakli magħrufa sew li ilhom jeżistu li jkomplu jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lin-nisa milli jidħlu f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi**, bħal:

- L-istereotipi marbuta mal-ġeneri u l-preġudizzji tal-ġeneru inkorporati fil-kultura ġenerali jkomplu jħallu impatt negattiv fuq in-nisa. It-trobbija tas-subien u l-bniet u l-istereotipi negattivi tan-nisa u l-irġiel, inkluż fil-media, ikomplu jillimitaw l-interess u l-aspirazzjonijiet tal-karriera tan-nisa għal pożizzjonijiet ta' poter matul il-karrieri tagħhom.
- Kultura politika ddominata mill-irġiel fil-partiti u fl-istituzzjonijiet politiċi. Il-mod kif jiġu organizzati l-partiti politiċi, bħala gwardjani għall-karigi politiċi, pereżempju fir-rigward ta' reklutaġġ, ammissjoni u proċeduri tal-għażla, għandu impatt negattiv fuq l-opportunitajiet tan-nisa biex jidħlu f'pożizzjonijiet ta' tmexxija.
- Il-kwistjoni tal-ġhoti tal-kura u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Ħafna mexxejja nisa jiffaċċaw ammonti kbar ta' xogħol u domandi eċċessivi fuq il-ħin tagħhom, filwaqt li r-responsabbiltà għax-xogħol tad-dar u l-kura tat-tfal u tal-persuni akbar fl-età għad mhijiex distribwita b'mod ugwali.

- Allokazzjoni mhux ugwali ta' riżorsi ewlenin bħall-ħin, il-mezzi finanzjarji u n-networks politiċi.
- Is-sistemi politiċi nfushom jistgħu jikkostitwixxu ostaklu istituzzjonali potenzjali. Is-sistemi tal-maġġoranza huma inqas effettivi fil-promozzjoni tal-elezzjoni tal-kandidati nisa minn sistemi politiċi li huma bbażati kompletament fuq rappreżentanza proporzjonali, jew li jinkludu element ta' rappreżentanza proporzjonali.
- Il-kopertura tal-media tal-politiċi u l-mexxejja nisa għadha preġudikata skont il-ġeneru, u l-politiċi nisa jirċievu ferm inqas attenzjoni (17 % inqas mill-irġiel) filwaqt li l-kopertura spiss tirrifletti l-istereotipi marbuta mal-ġeneri (Van der Pas & Aldering 2020).
- In-nuqqas ta' mudelli eżemplari femminili bħala riżultat tal-ostakli msemmija hawn fuq.

**It-tieni, tfaċċaw ostakli ġodda u ta' sfida li jipprevjenu lin-nisa milli jibqgħu f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi jew iġegħluhom jitolqu qabel iż-żmien, b'mod partikolari:**

- Il-vjolenza u l-fastidju kontra l-politiċi nisa, iżda wkoll kontra nisa oħra f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, għandhom effett dissważiv fuq in-nisa kollha li qed jikkunsidraw karriera fil-ħajja pubblika. Ħafna politiċi u mexxejja nisa jitolqu qabel tmiem il-mandat tagħhom jew ma jibqgħux fil-poter għal żmien twil.
- Il-livell ta' abbuż u vjolenza mmirat b'mod sproportjonat lejn in-nisa fil-politika u fil-ħajja pubblika sempliċement minħabba li huma nisa huwa ta' tħassib dejjem akbar. Filwaqt li primarjament l-irġiel l-aktar li jesperjenzaw abbuż ġenerali u politiku, il-politiċi nisa jiffaċċaw abbuż motivat mill-identità tal-ġeneru tagħhom, u l-politiċi nisa ta' minoranza etnika jirċievu l-oġġla livelli ta' abbuż.
- It-testimonjanzi ta' politiċi nisa attwali u preċedenti li tkellmu, wara l-moviment tal-#MeToo, dwar l-esperjenzi personali tagħhom ta' fastidju sesswali huma wkoll ta' tħassib. Għad hemm nuqqas ta' salvagwardji interni kontra s-sessiżmu, il-fastidju u l-fastidju sesswali, u ta' rapportar u responsabbiltà effettivi fil-partiti u l-parlamenti. Il-kandidati nisa u l-membri parlamentari jirrapportaw ukoll nuqqas ta' appoġġ u solidarjetà interpartigġjana meta jirċievu abbuż.

- Ir-riċerka turi li l-politiċi nisa jiġu attakkati sa tliet darbiet aktar mill-politiċi rġiel, b'mod partikolari online (Daniele, Dipoppa, Pulejo, 2023). Il-vjolenza kontra n-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet hija mifruxa u mxiet dejjem aktar fid-dinja virtwali, fosthom forom ġodda bħal immaġnijiet nudi ġġenerati mill-kompjuter u filmati mingħajr kunsens (immaġnijiet intimi deepfake, cyberflashing) jew stalking online. Madankollu, filwaqt li l-vjolenza online diġà hija intimidanti u trawmatizzanti ħafna, din tista' wkoll tippreċedi l-vjolenza offline, li f'każijiet estremi twassal - bħall-qtil tal-MP Jo Cox fir-Renju Unit - għal femmiċidju. Il-LGBTQIA + u l-kandidati fil-minoranza huma wkoll fil-mira b'mod sproporzjonat.

### **Mekkaniżmi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet politiċi**

Is-sottorappreżentanza tan-nisa fit-teħid tad-deċizzjonijiet hija kwistjoni multidimensjonali. Il-miżuri li jeħtieġ li jittieħdu ma jikkonċernawx biss is-sistema elettorali jew il-partiti politiċi iżda għandhom ambitu usa', u jinkludu wkoll politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-politiki għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, biex tiġi appoġġata distribuzzjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet tal-għoti tal-kura u dawk domestiċi u biex jingħelbu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru. L-istudji juru wkoll li sabiex tiżdied u tiġi żgurata l-preżenza tan-nisa fil-poter u jsir użu sħiħ mit-talenti tagħhom, hemm bżonn li jinħoloq ambjent inklużiv għal kulħadd, li jinkludu n-nisa minn gruppi żvantaġġati. Kif imfakkar mill-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, in-nisa huma grupp eteroġenu u jistgħu jiffaċċaw diskriminazzjoni intersezzjonali bbażata fuq diversi karatteristiċi<sup>1</sup>. Pereżempju, in-nisa b'diżabbiltà spiss jiltaqgħu ma' sfidi fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, inkluż il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet u l-involvement fil-proċessi politiċi u tat-teħid tad-deċizzjonijiet.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 10 TFUE "fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali".

L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fakkret ukoll fl-importanza ta' opportunitajiet indaqs għall-parteċipazzjoni bħala essenzjali għad-demokrazija rappreżentattiva fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa bħala votanti u kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024, f'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali, mal-Istati Membri u mas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' finanzjament u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni ħadet ukoll impenji speċifiċi rigward pożizzjonijiet għolja fl-amministrazzjoni tagħha u biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji aktar effettivi biex jiżdied l-għadd ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Fir-rigward tal-kwistjoni usa' li l-ambjenti tax-xogħol isiru aktar inklużivi, arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw huma previsti fid-Direttiva 2019/1158 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, flimkien mad-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ukoll, li pprevediet protezzjoni akbar kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fiha rakkomandazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tidentifika għadd ta' miżuri rilevanti indirizzati lill-Istati Membri.

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali adottat reċentement u d-Direttiva dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa li ġejja għandhom l-għan li jipproteġu aħjar lill-utenti billi jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali online, jistabilixxu qafas b'saħħtu ta' trasparenza u responsabbiltà għall-pjattaformi online u jipprovdu qafas uniku u uniformi fl-UE kollha. Dan jobbliga, fost l-oħrajn, lill-pjattaformi online kbar jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni effettivi biex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi, inkluż fir-rigward ta' diskors ta' mibegħda illegali jew vjolenza ċibernetika kontra n-nisa. L-hekk imsejħa Direttiva Anti-Slapp għandha l-għan li tipproteġi aħjar lill-politiċi, lill-ġurnalisti, lill-attivisti u lil oħrajn mit-theddida ta' azzjonijiet legali bla bażi u abbużivi biex isikkta lil dawk li jaħdmu fl-interess pubbliku.

Bil-ftehim reċenti dwar id-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, l-Istati Membri ser ikunu meħtieġa jistabilixxu għodod ġodda għall-ġlieda kontra l-vjolenza u d-diskors ta' mibegħda kontra n-nisa offline u online, fejn il-pjattaformi online ser ikollhom rwol importanti.

Is-sena d-dieħla, ser jiġi ċelebrat t-30 anniversarju tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing għan-Nisa, l-Iżvilupp u l-Paċi (BPfA) tal-1995. Il-Pjattaforma ta' Beijing tfakkar li l-ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet hija essenzjali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (il-Konvenzjoni CEDAW) tistabbilixxi d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u politika, bl-obbligu li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja politika u pubblika u biex jiġi żgurat li n-nisa, fuq termini ugwali mal-irġiel, ikollhom id-dritt li jivvutaw u li joħorġu għall-elezzjoni, li jipparteċipaw fl-affarijiet pubbliċi, li jkollhom karigi u funzjonijiet pubbliċi, u li jipparteċipaw f'attivitajiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

Dan id-dibattitu ser jipprovdi opportunità biex jiġu diskussi l-mekkaniżmi u l-miżuri meħtieġa għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Dawn jistgħu jinkludu miżuri istituzzjonali u strutturali fil-livell nazzjonali, bħar-riformi tas-sistemi elettorali, il-kwoti tal-partiti vinkolanti jew volontarji, il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi governattivi tal-korpi ta' ġestjoni elettorali, ir-rabta tal-allokkazzjoni tal-finanzjament pubbliku għall-partiti politiċi mal-parità bejn il-ġeneri, id-definizzjoni mill-ġdid tal-istrutturi tax-xogħol, u l-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri inkluż il-ġbir aħjar tad-data, iżda wkoll it-taħriġ, il-mentoraġġ, il-finanzjament u appoġġ ieħor għan-nisa kandidati, b'mod partikolari n-nisa żgħażaġh u n-nisa minn gruppi ta' minoranza sottorappreżentati. Fid-dawl tas-sessiżmu, il-fastidju u l-vjolenza li huma soġġetti għalihom b'mod partikolari l-politiċi nisa, għandha tingħata attenzjoni lill-miżuri għall-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, id-diskors ta' mibegħda u l-fastidju offline u online.

Fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li ġejjin, u bħala parti mill-isforzi tagħha biex ittejjeb il-viżibbiltà tal-politika dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Kunsill, il-Presidenza Belġjana qed tippreżenta dan is-suġġett għad-diskussjoni u l-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki, bil-ħsieb li jiġi żgurat ambjent sikur u ugwali għan-nisa fil-ħajja pubblika.

**F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jkollhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. *Liema strateġji u mekkaniżmi fil-livell nazzjonali żviluppa pajjiżek biex ittejjeb ir-rappreżentanza tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u biex irawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rwoli ta' tmexxija?*
2. *X'inizjattivi jistgħu jittieħdu fil-livell tal-UE biex jintlaħaq l-oġettiv imsemmi hawn fuq?*